Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Roderick Agius]

vs

Gino Vella

Kumpilazzjoni Numru: 330/2018

Illum, sbatax (17) ta' Marzu, 2023

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Gino Vella** detentur tal-karta tal-identità 580077M akkuzat talli:

Nhar is-26 ta' Mejju 2018, ghal habta tal-10:00hrs min gewwa Triq il-Fontanier, Hal-Qormi u f'dawn il-Gzejjer ikkomettew serq, liema

serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin eurou erbghau disghin centezmu (232.94) izda ma jeccediex l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad detriment ta' Elshahat Shehata Mansour Merfat.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghom jew imexxihom, ghad detriment ta' Elshahat Shehata Mansour Merfat.

Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputati bhala recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioè 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali.

Stante ammissjoni u stante li t-tieni (2) akkuza hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza li minnha qed tastjeni, il-Qorti qed issib lill-imputat Gino Vella, hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u tpoggih taht Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sentejn (2) u kif ukoll Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-istess zmien.

Illi l-Ordnijiet qed jifformaw parti integrali minn din is-sentenza.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**